MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH GALEA DEBONO**

Seduta tat-30 ta' April, 2009

Appell Kriminali Numru. 68/2009

**Il-Pulizija**
**(Spt. J. Cilia)**

**Vs**
**Nazir Mustafa Al Gadi**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellant quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli :-

1. nhar is-17 ta' Frar, 2009, fil-Kwartieri Generali tal-Pulizija, fil-Furjana, bil-qerq holoq jew gieghel jidher li donnu hemm fatt jew cirkostanza, sabiex dan il-fatt jew cirkostanza jkunu jistghu 'l quddiem jiswew bi prova kontra persuna ohra, cioe' Jamal El Marmi w persuni ohra, bil-hsieb li b'hekk din il-persuna tkun tista' tigi kontra s-sewwa akkuzata jew misjuba hatja ta' reat;

2. fl-istess dati, hin, lok u cirkostanzi, ddenunzja lill-Pulizija Ezekuttiva reat li jaf li ma sarx, inkella bil-qerq

holoq it-tracci ta’ reat b’mod li setghu jinbdew proceduri kriminali sabiex jizguraw li dak ir-reat kien sar;
3. fl-istess dati, hin, lok u cirkostanzi, bil-hsieb li jaghmel hsara lil xi persuna, w cioe’ lil imsemmi Jamal El Marmi w persuni ohra, akkuza lil dik il-persuna quddiem awtorita’ kompetenti b’reat, filwaqt li kien jaf li dik il-persuna hija innocenti.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali tal-20 ta’ Frar, 2009, li biha, wara li rat l-artikoli 101, 105, 110 (1)(2) tal-Kodici Kriminali, sabet lill-appellant hati skond l-akkuza w ikkundannatu ghal piena ta’ prigunerija ta’ sentejn, b’dana illi wara li rat l-artikolu 28A tal-Kodici Kriminali, ordnat li dan it-terminu jkun sospiz ghal zmien erba’ snin u ordnat li kopja ta’ din is-sentenza w l-atti tal-kawza jintbaghatu lill-Avukat Generali ai termini tal-artikolu 401(3) tal-Kodici Kriminali.

Rat ir-rikors tal-appellant minnu pprezentat fl-4 ta’ Marzu, 2009, li bih talab li din il-Qorti joghgobha sabiex filwaqt li hija tikkonferma s-sejbien ta’ htija tieghu, thassar u tibdel dik il-parti tas-sentenza fejn giet imposta fuqu l-piena ga riportata w minflok tghaddi sabiex tinfliggi fuqu piena aktar idonea.

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi waqt l-udjenza tal-lum il-Qorti *ex officio* irrilevat il-fatt li t-talba kontenuta
fir-rikors tal-appell tista' ma tkunx tikkonforma mad-dispozittiv tal-artikolu
419 (1) ( c ) tal-Kodici Kriminali w invitat lill-partijiet li jittrattaw dwar din il-pregudizzjali.

Semghet it-trattazzjoni dwar l-istess pregudizzjali;

Ikkonsidrat;

Illi f' din il-kawza l-appellant kien gie akkuzat bi tlitt imputazzjonijiet , misjub
hati w kundannat piena ta' sentejn prigunerija sospizi ghall-erba snin.
L-appellant qed jappella biss mill-piena.

Illi skond l-artikolu 419 (1)(c) tal-Kodici Kriminali r-rikors tal-appell ghandu
jinkludi *ad validitatem* talba ghat-thassir **JEW** ghat-tibdil tas-sentenza
appellata skond il-kaz li jkun.

L-appellant, fl-ahhar paragrafu tar-rikors tieghu, l-ewwel talab il-konferma tas-sejbien ta' htija mbaghad ghadda biex talab simultanjament li din il-Qorti *"**thassar u tibdel** dik il-parti tas-sentenza fejn giet imposta fuqu l-piena ga riportata w minnflok tghaddi sabiex tinfliggi fuqu piena aktar idonea."*

Invece, ladarba f'dan il-kaz l-appellant qed jappella biss mill-piena moghtija fis-sentenza appellata, kien il-kaz li t-talba tkun formulata bil-mod kif gej u cioe' :
fl-ewwel lok jitlob ir-riforma tas-sentenza appellata mbaghad jispjega kif u cioe' billi s-sentenza tigi konfermata fil-parti fejn sabet il-htija w revokata fejn ikkundannat lill-appellant ghal sentejn prigunerija sospizi ghal erba' snin

Illi t-talba pero' ma gietx redatta b'dan il-mod u minnflok intalbet it-thassir u t-tibdil **f' daqqa** li hu kontrosens u dana jgib skond il-gurisprudenza stabilita ta' din il-Qorti n-nullita' tal-istess appell.

Ghaldaqstant tiddikjara l-appell null u rritwali. Konsegwentement tastjeni milli tiehu konjizzjoni aktar tieghu.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------